**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 582 / 2012**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Colin Sheldon)**

**vs**

**Marlon Zarb**

Illum, 28 ta' Frar, 2023,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Marlon Zarb, iben Robert u Marceline neè Portelli, imwieled il-Pietà fit-23 ta' Ottubru, 1988 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 486288 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

1. Fit-28 ta' Mejju 2012, ghall-habta tas-17:30hrs, gewwa Triq Nazju Ellul gewwa l-Gzira, volontarjament hebb ghall-persuna ta' Aaron Sultana u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' delitt liema delitt ta' ferita gravissima ma

giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volontà tieghu;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gab ruhu b' tali mod li kkaguna lil haddiehor biza' li ser jintuza vjolenza, meta huwa kien jaf jew messu kien jaf li b' tali imgieba tieghu ser jikkaguna lil haddiehor biza';

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waddab gebel jew oggetti ohra iebsin fid-direzzjoni ta' Aaron Sultana;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioè l-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni CAG-538, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix elf mija erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) imma huwa izjed minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad-dannu ta' Aaron Sultana u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325(1)(b), l-Artikolu 325A(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kkaguna hsara fuq il-vettura CAG-538 ghad-dannu ta' Aaron Sultana detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 350183(M);

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-paci pubblika b' ghajjat storbju u glied;

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal kliem u dagha fil-pubbliku;

8. Kif ukoll talli nhar it-30 ta' Mejju 2012 ghall-habta tal-13:55 ta' wara nofsinhar gewwa dawn il-gzejjer saq vettura ta' l-ghamla Volkswagen Passat bin-Numru ta' Registrazzjoni FBZ-592 matul il-perijodu illi huwa kien skwalifikat milli jkollu licenzja tas-sewqan bi ksur ta' l-Artikolu 59 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq il-vettura ta' l-ghamla Volkswagen Passat bin-Numru ta' Registrazzjoni FBZ-592 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga minn Transport Malta taht dik il-kategorija ghall-imsemmija vettura bi ksur ta' l-Artikolu 15(1) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorità jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jigifieri lil PS69 Jesmond Cremona u PC132 Keith Sultana u PC144 Sergio Periano jew ma hallihomx, jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b' xi mod iehor, bla jedd, indahal fid-dmirijiet taghhom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel li b' ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b' xi mod iehor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma kienx jaqa' taht disposizzjonijiet ohra tal-Kap.9 tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta;

11. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura ta' l-ghamla Volkswagen Passat bin-Numru ta' Registrazzjoni FBZ-592 minghajr ma

kien kopert b' polza tas-sigurtà dwar riskji ghal terzi persuni, bi ksur ta' l-Artikolu 3 tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta;

12. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ostakola l-passagg liberu ta' Triq il-Kuncizzjoni billi pparkja fin-nofs il-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni FBZ-592;

13. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura ta' l-ghamla Volkswagen Passat bin-Numru ta' Registrazzjoni FBZ-592 b' manjiera traskurata bi ksur ta' l-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta;

14. Bhala xufier ta' vettura b' Numru ta' Registrazzjoni FBZ-592 naqas li jieqaf u jaghti l-isem u l-indirizz tieghu, l-isem u l-indirizz tas-sid tal-vettura bil-mutur, id-dettalji ta' l-assiguratur tal-vettura kif ukoll il-marka jew numru ta' registrazzjoni tal-vettura, wara li din il-vettura bil-mutur fit-triq kienet involuta f' incident li jinvolvi offiza fuq il-persuni u meta giet ikkagunata hsara lil xi vettura;

15. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioè l-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni EBN-648 liema ammont ta' hsara ma tiskorrix elf mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) imma hija izjed minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad-dannu ta' Carmel Camilleri, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 325 (1)(b) u 325A(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

16. Naqas li jieqaf fi triq li kienet b' linji bojod paralleli, jew b' sinjali ohra biex juru spazju ghall-passagg ghall-uzu tan-nies bil-pass, biex ihalli lin-nies bil-pass jaqsmu;

17. Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kien qed isuq il-vettura ta' l-ghamla Volkswagen Passat bin-Numru ta' Registrazzjoni FBZ-592 naqas milli jieqaf fuq is-sinjali ta' dawl tat-traffiku meta id-dawl kien ahmar;

18. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura ta' l-ghamla Volkswagen Passat bin-Numru ta' Registrazzjoni FBZ-592 kontra s-sinjali tat-traffiku (No entry);

19. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura ta' l-ghamla Volkswagen Passat bin-Numru ta' Registrazzjoni FBZ-592 minghajr ma kien qed jaghmel uzu mis-seat belt, bi ksur ta' l-Avviz Legali 129/95;

20. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura ta' l-ghamla Volkswagen Passat bin-Numru ta' Registrazzjoni FBZ-592 bi hgieg tinted kemm ta' quddiem kif ukoll ta' wara minghajr permess ta' l-awtoritajiet kompetenti;

21. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u matul ix-xhur ta' qabel f' dawn il-Gzejjer, bhala persuna li ftehmet li tixtri, jew li xtrat vettura bil-mutur, naqas li fi zmien sebat ijiem jaghti avviz bil-miktub lill-Kummissarju tal-Pulizija, maghdud l-isem u l-indirizz tal-persuna li tbiegh jew tiftiehem li tbiegh l-imsemmija vettura bil-mutur u cioè l-vettura ta' l-ghamla

Volkswagen Passat bin-Numru ta' Registrazzjoni FBZ-592 kif ukoll jikkonsenja lill-imsemmi Kummissarju l-licenza relattiva;

22. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm u gar strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija;

23. Talli bejn Awwissu 2011 u l-1 ta' Gunju 2012 f' dawn il-Gzejjer naqas milli jirrapporta lill-ufficjal awtorizzat minghajr dewmien, li xi wahda mill-partikolaritajiet li tinsab fil-karta ta' l-identità tieghu u cioè l-indirizz tal-lok ewlieni ta' residenza fejn abitwalment jorqod kif provdut fl-Artikolu 5(2)(b) tal-Kap.258 tal-Ligijiet ta' Malta, ma baqatx iktar korretta u kif ukoll naqas li jaghti t-taghrif kollu mehtieg;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-31 ta' Jannar, 2022, fejn il-Qorti filwaqt li astjenit milli tiehu konjizzjoni tal-hames imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat in kwantu alternattiva ghar-raba' imputazzjoni dedotta kontrih, ma sabitx lill-imputati hati ta' l-imputazzjoni numru hdax u ta' l-imputazzjoni numru wiehed u ghoxrin dedotti fil-konfront tieghu u b' hekk illiberatu minnhom, u wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17 (b) (d), 31, 41 (1) (a), 49, 50, 218 (1), 251 B, 325 (1) (b), 338 (bb), 338 (dd), 338 (ee) u 339 (1) (b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 15 (1) (a), 54, 55 (1), 59 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 2 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.05, ir-Regolamenti 67, 79(f), 89(1)(4), 110A, 125(2) u l-Iskeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11, ir-Regolamenti 3, 12(a), 13(1) tal-Legislazzjoni Susiddjarja 65.12, ir-Regolament 11(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.13, l-Artikolu 26 ta' l-Avviz Legali 308 ta' l-2012, l-Artikoli 19(1) u 24 tal-Kap.258 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kap.480 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra kollha dedotti fil-konfront tieghu, ossia sabithu hati ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' , is-sitt, is-seba' , it-tmien, id-disa' , l-ghaxar, it-tnax, it-tlettax, l-erbatax, il-hmistax, is-sittax, is-sbatax, it-tmintax, id-dsatax, l-ghoxrin, it-tnejn

u ghoxrin u t-tlieta u ghoxrin imputazzjoni dedotti fil-konfront tieghu, u kkundannatu ghall-seba' (7) xhur prigunerija effettiva.

Ai termini ta' l-Artikoli 15(3) u 55(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti skwalifikat lill-imputat milli jkollu licenza tas-sewqan ghal perijodu ta' xahar mid-data ta' din is-sentenza.

In vista tal-fatt li l-vettura ta' l-ghamla Volkswagen Passat bin-Numru ta' Registrazzjoni FBZ-592 ilha zmien twil li giet ritornata lil sidha, hekk kif jirrizulta mill-verbal tat-13 ta' Gunju 2012, il-Qorti astjenit milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ghall-konfiska ta' l-imsemmija vettura.

Fid-dawl tar-rinunzja da parte ta' Aaron Sultana u anke fid-dawl tat-trapass taz-zmien il-Qorti ma tqisx li hemm lok ghall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u lanqas ma hemm lok ghall-hrug ta' Ordni ta' Trazzin u/jew Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' l-imputat.

Siccome f' dawn il-proceduri ma gew nominati l-ebda Esperti, il-Qorti astjenit wkoll milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ghall-kundanna ghall-hlas ta' l-ispejjez konnessi man-nomina ta' Esperti ai termini ta' l-Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li l-atti ta' dawn il-proceduri flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza jigu notifikati lill-Avukat Generali fi zmien sitt (6) ijiem tax-xoghol.

Rat ir-rikors tal-appellanti Marlon Zarb minnu pprezentat fis-17 ta' Frar, 2022, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell u tirriforma s-sentenza appellata, hekk kif hu xieraq u opportun fil-kaz odjern, billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant hati ta' l-akkuzi migjuba fil konfronti tieghu, tvarja l-piena nflitta, billi timponi piena aktar ekwa u gusta ai finijiet kollha kif hawn fuq citati u ghall-fatti speci tal-odjern kaz partikolari.

Rat illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi, dan l-Appell huwa limitat biss ghal dak li jikkoncerna l-piena.

Illi, l-appellant huwa konxju l-fatt li l-appell fuq piena wara ammissjoni, huwa xi ftit jew wisq odjuz fin-natura tieghu, pero` tenut kont tac-čirkostanzi prezenti w specifici tal-kaz odjern (kif diga[1] gew deskritti hawn fuq u dana a skans ta' repetizzjoni), il-piena nflitta fuq l-appellant kienet wahda sproporzjonata u eccessiva. Huwa umilment jissottometti, li fil-kaz odjern setghet tigi mposta piena hafna aktar ekwa u gusta in vista tas-segwenti;

Illi, fl-umli fehma tal-esponent il-piena nflitta, kemm fil-kwalità taghha kif ukoll sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantità, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv tal appellant, tant accenat u accettat in ampi sensi fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet prezenti;

L-esponent umilment jaghmel referenza ghas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, datata 25 ta' April 2006, per Onor. Imhallef David Scicluna, fl-ismijiet; **<u>Il-Pulizija vs John Farrugia</u>**. fejn piena ta' prigunerija ta' sentejn u nofs inflitta

mill-Ewwel Onorabbli Qorti, giet revokata ghal ordni ta' servizz fil-komunita' a tenur ta' l-Artikolu 11 tal-Kap. 446.

L-esponent jhoss illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tkun ferm aktar klementi fil-kunsiderazzjonijiet ta gustizzja ekwa. Kif intqal l-esponent kien qieghed jigi mrinfaccjat b' kaz li kien sehh aktar minn ghaxar (10) snin qabel. Minn dak iz-zmien il-hawn, huwa kien sab xoghol, qed jahdem u qed jrabbi zewit-(2) tit-tfal mal-mara tieghu - de facto huwa issetiljat fil-hajja tieghu mal-familija. In oltre. wiched irrid jiftakar li huwa kien inaghat prattikament garanzija partikolari mill-prosekuttur spettur ta' dak iz-zmien, li huwa kien ser jinghat xoghol fil-komunita' . Per di piu' kien hemm ukoll mrinuzja tal-parte civile u l-esponent baqa' b' din il-vizzjoni hekk ampja tal-kaz.

Illi, l-appellant ma huwiex persuna essenzjalment kriminali (ghal kemm gieli habbat duffrejh mal gustizzja). Huwa propju dan, li jwassal li l-appellant huwa fil-bzonn li jinghata l-ghajnuna hekk mehticga tal-Qrati. F' sitwazzjoni simili, sentenza ta' seba xhur prigunerija ma ghamlet l-ebda gid u tmur lil hinn minn kull aspett riformattiv tal-appellant koncerat;

Illi, jidher ukoll li l-Qorti tal-Magistrati meta giet biex tinfliggi 1-piena ma haditx kont tal-fatt li l appellant ma kienx attenda ghall-appuntamenti tal-Probation officer-mhux kapriciozament-pero ghaliex l-ewwel kienet qed tibghat l-korrispondenza taghha f' indirizz hazin u mbaghad meta saret il kommunika effettiva, l-esponent kien nvolut fincident automobilistiku, u dana hekk kif ippruvat u sostanzjat bir-rapport tal-wardens; ghalhekk ma kienx f' pozizzjoni li jattendi.

Fil-kawza l**-Pulizja vs Carmen Buttler**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sitta u ghoxrin (26) ta Frar, tas-sena elfejn u disgha (2009), il-Qorti kkristalizzat propju dan

il-principju, u cioe illi Qorti ta' Appell, ma tiddisturbax il-piena erogata minn 1-Ewwel Qorti, **sakemm ma jigiex manifestament ippruvat illi l-Ewwel Qorti, tkun naqset milli tati mportanza lil xi aspett jew cirkostanza partikolari** **(emfasi tal-esponenti)** tal-kaz. bhal fil-kaz in dezamina:

F' dan l-istadju, ssir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet ta' **Il-Pulizija vs Charlot Aquilina**, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008). Fis-sentenza precitata, il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna **ghandha tinghata čans iehor fil-hajja taghha**, gia la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. Hawn isir accenn dirett ghal dak li di gia gie mistqarr (aktar kmieni hawn fuq), fir-rigward li l-appellant issetilja sew fil-hajja socjali u familjari tieghu. Dan ukoll fid-dawl tal-fatt li 1-istess ufficejal prosekuttur kien tal-fehma, bhalma kienet wkoll il-fehma tal-ewwel Qorti, li l-esponent appellant kellu jinghata xoghol fil-komunita: haga li hija in effetto u minnha nfisha riformatorja. F' dan il-kaz, l-appellant, ghalkemm ma huwiex wiehed ta' kondotta altrui netta, 1-Ewwel Qorti setghet li minflokk piena ta prigunerija taghti piena alternattiva, bhal perezempju sospensjoni ta' prigunerija jew provvediment taht il-Kap 446 tal-Ligijict ta' Malta;

Fis-sentenza, **Il-Pulizija vs Rimar Hatherly u Justin Farrugia**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid disa (9) ta' Ottubru, tas-sena elfejn u tmienja 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet:

> *"Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a dispozizzjoni taghha h applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xierag tal-antecedenti penali ta dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma ifissirx necessarjament li ma tkunx tista, jew li m' ghandhiex fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra that il-Kap 446. F' dan ir-rigward din il-Qorti*

*taghmelreferenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar, 2001, fl-ismijiet **il-Pulizija vs George Farrugia**."*

> *"Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, uf' dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Orati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tas-snin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia 1- Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija tal-kundanni, pero' , jinvolvu multi u habs..."Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" -fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita assoluta - anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta' mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija. **(emfasi tal-esponenti).***

L-esponent umilment jirrileva li, l-principji esposti fil-gurisprudenza hawn čitati jincidu direttament fuq l-appell odjern u ghalkemm il-paraguni huma li huma fis-sitwazzjoni tal-appellant ma jistghux ma jsirux:

Illi, filwaqt li l-appellant m' hu qed inaqqas xejn mis-serjeta tal-kaz tieghu, il-Qorti tal-Magistrati imponiet pieni ferm inqas gravi f' kawzi fejn ma kienx hemm: l-ebda ammissjoni bikrija u fejn l-akkuzi jissuperaw bil-bosta s-serjeta tal-akkuzi li bihom jinsab akkuzat l-appellant.

Semghet lill-partijiet jittrattaw dan l-appell u dan fis-seduta tal-5 ta' April, 2022

Ikkunsidrat,

Illi f'dan l-appell, l-appellant jillanja s-sentenza appellata bl-aggravju singolari dwar il-piena kominata mill-ewwel Qorti b'argumenti li jistghu jkunu meqjusa bhala argument wiehed dwar l-idonejita' tal-piena karcerarja ossia n-nuqqas taghha ghac-cirkostanzi partikolari tal-kaz

F'appelli ta' dan il-generu, il-gurisprudenza Maltija hija cara kristall. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kollegjalment komposta, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Serag F. H. Ben Abid** deciza nhar l-4 ta' Dicembru 2003, intqal is-segwenti : -

> *Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kienitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.*

Kif gie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawza fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deciza nhar il-25 t'Awissu 2005 :

*It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*

*"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle."*

*Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed." This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

Mill-banda l-ohra din il-Qorti trid taghmel l-evalwazzjoni taghha dwar jekk il-Qorti tal-Magistrati applikatx piena li kienet manifestament eccessiva meta wiehed jiehu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li gie wkoll imbaghad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deciza nhar il-15 ta' Dicembru 2005, din il-Qorti bhala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliciment ghaliex kienet tippreskrivi piena li kienet ghola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku taghti kieku kienet hi li qeghda teroga l-piena.

Biex l-appell jirnexxi, kien mehtieg li l-appellant juri li l-piena moghtija mill-Qorti tal-Magistrati kienet tohrog barra mill-parametri tal-piena jew mizuri applikabbli ghall-kaz. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma zbaljati fil-principju, ghalkemm ikunu jidhru li huma pieni horox ghal xi Gudikanti. Biex piena moghtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tigi mibdula jrid jigi pruvat li kien hemm xi zball fil-principju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra zviluppat ukoll il-kuncett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-kaz li din tkun eccessiva jew manifestament eccessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliciment ghax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naha aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eccessivita jew eccessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jigi milqugh jekk jirrizulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

a. ghall-offiza in kwistjoni u
b. ghac-cirkostanzi tal-hati

u mhux ghaliex tkun piena li tkun ghola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga ghall-kaz in kwistjoni. Dawn il-principji gew ukoll imhaddnin minn din il-Qorti, kolleggjalment komposta fis-sentenza citata mill-appellant fir-rikors tal-appell

tieghu fl-ismijiet **Ir-Repubbliklika ta' Malta vs Carmen Butler et** deciza nhar is-26 ta' Frar, 2009 fejn gie mistqarr ukoll is-segwenti:

> *Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.*

Il-gurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tghallem li meta Qorti tigi biex terroga piena trid tiehu kont tac-cirkostanzi kollha li jsawru l-kaz, jigifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-hati. F'dan is-sens, kemm il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliza tistabbilixxi li fl-ezercizzju ta' revizjoniimholli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistharreg appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis ic-cirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setghet kienet f'qaghda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

Illi l-ewwel Qorti hadet qies ir-renunzja ta' Aaron Sultana, it-trapass ta' zmien minn meta twettqu ir-reati ammessi mill-appellant, ir-rapport tal-Ufficcjal tal Probabtion Marilyn Attard dwar in-nuqqas t' idonejita ta' l-appellant ghal xoghol fil-komunita tal-fatt li l-hames reat hu alternattiv ghar raba' akkuza, il-fatt li t-tieni, it-tielet, ir-raba', is-sitta u s-seba' imputazzjoni dedotti fil-konfront tal-appellant jigu assorbiti fl-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih u li t-tmien, disa', ghaxar, tnax, tlettax, erbatax, sittax,

sbatax, tmintax, dsatax, ghoxrin u tnejn u ghoxrin imputazzjoni dedotti fil-konfornt tal-imputat jigu assorbiti fl-imputazzjponi numru hmistax dedotta kontrih.

Issa f'dan il-kaz minn ezami tal-atti kompilati jirrizulta li l-*parte civile Aaron Sultana irrinunzja* ghal dak kollu li kien renunzjabbli u l-vettura numru ta' registrazzjoni FBZ 592 giet ritornata lil sidha nhar it-13 ta' Gunju, 2012[1].

Naturalment din il-Qorti m'hiex marbuta b'dak li tixtieq il-*parte civile* jew adirittura ghal dak li iddecidiet l-ewwel Qorti in kwantu huwa obbligu ta' din il-Qorti li tara x'piena tkun xierqa ghal kull kaz partikolari molto piu meta tqies li df'din il-kawza hemm nurmu t' akkuzi li jitmexxew ex-ufficcio mill-pulizija. Rat ukoll li nhar it-13 ta' Gunju, 2012, il-Qorti innominat ufficcjal tal-probabtion biex tirraporta jekk l-appellant hux idoneju ghax-xoghol fil-komunita. Minhabba f'hekk din il-Qorti ezaminat bir-reqqa il-provi koompilati.

Rat dak li stqarret **Maryln Attard**, Probatbion Officer u din stqarret li ltaqghet mal-appellant darbtejn. Tghid li kienet tafu qabel is-sena 2008 u qalet fir-rakomandazzjonijiet taghha li Marlon ma hux idoneju ghas-servizz fil-komunita. Tghid li huwa persuna inaffidabbli. Qalet li meta baghtet ghalih minflok ma iggustifika ruhu qal kelma b'ohra u cioe li kien arrestat u meta ghamlet il-verifiki taghha irrizulta li ma kienx arrestat. Tghid ukoll li Marlon maghha stqarr li m'ghandux problema ta' droga izda mill-verifiki li ghamlet irrizultalha li hu jattendi id- Detox ghal methadone. Jirrizulta li it-testijiet li ittihdu tal-kampjun tieghu tal-awrina taw rizultat posittiv ghall-presenza ta' droga. Dawn l-affarijiet irenduh mhux eligibbli ghal servizz fil-komunita Ma jistax jkun hemm xi hadd li jahdem li hemm riskju minimu li jkun taht effetti ta' droga.

[1] Fol. 71

In kontro esami tghid li it-testijiet li hadet tal-awrina tal-appelalnt taw rizultat negattiv ghall-presenza ta' dorga pero l-ghada gew mehuda testijiet ohra id-deotx u r-rizultat kien posittiv ghal kokaina skond ma qallha Dr Moses Camilleri.

Rat il-fedina penali tieghu u minn esami ta' l-istess jirrizulta li huwa ghandu fedina penali reflettarja u intab hati ta' diversi reati fosthom *inter alia* ta' pusess ta' droga, serq, hsara volontarja, offizi kontra l-Ordinanza tat-Traffiku fejn inghata sentenzi sospizi ta' prigunerija, probations , multi, prigunerija u cioe nonnostante minkejja l-opprotunitajiet li inghata biex jirriforma ruhu rega qieghed quddiem din l-Onroabbli Qorti.

Rat ukoll li f'dawn il-kaz l-appellat ammetta ghal tlieta u ghoxrin akkuza u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tiehu dan il-kaz b'mod legger. Jirrizulta li l-ewwel Qorti kienet akkordat piena ta' seba' xhur prigunerija effettivi minkejja li sabitu hati ta' diversi reati kif imsemmija fl-istess sentenza. Ma hemmx dubbju li l-appellant setgha gie moghti piena hafna aktar u fil-fatt jirrizulta li l-piena inflitta hija lejn il-minimu taghha.

Din il-Qorti ghalhekk ma tara li ma hemm l-ebda raguni ghaliex din il-Qorti ghandha tirrevoka is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi tiddikjara li qed issibu hati ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba, il-hames , is-sitt , is-seba', it-tmien, id-disa', l-ghaxar, it-tnax, it-tlettax, l-erbatax,il-hmistax, is-sittax, is-sbatax, it-tmintax, id-dsatax, l-ghoxrin, it-tnejn u ghoxrin u t-tlieta u ghoxrin imputazzjoni dedotti fil-konfront tieghu u tikkonferma l-piena moghtija mill-ewwel Qorti ta' seba' xhur prignerija Qeda ukoll tikkonferma l-assorbiment tar-reati kif previst mill-ewwel Qorti.

Qieghda ukoll tikkonferma dik il-parti ta' l-ewwel sentenza fejn qed tordna l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghall-perijodu ta' xahar mid-data ta' din is-sentenza.

Qieghda ukoll tqis ghar-ragunijiet imsemmija mill-ewwel Qorti partikolarment it-trapass taz-zmein li ma tordnax l-applaakzzjoni tal-Artikoli 383, 394 u 385 tal kap 9 tal-ligiijiet ta' Malta u lanqas ma hemm lok ghal-hrug ta' Ordni ta' Trazzin u/jew Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront tal-appellant.

Stante li ma gew nominati l-ebda esperti f'dawn l-proceduri din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni f'dan ir-rigward

**(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera**

**Imhallef**

**Vera Kopja**

**Adrian Micallef**

**Deputat Registratur**